# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 14**

**Rikors Numru : 524/2016/JPG**

**Frances Gauci (K.I. 41176M) u**
**Salah Saleheddin (K.I. 37205L)**

**VS**

**Joseph Xuereb (K.I: 7373M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentata ta' Frances Gauci et, datat 5 t'April 2016 (A fol. 1 *et seq*):

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli jizviluppa l-arja sovrastanti l-fond bin-numru 116, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, propjeta' ta' l-istess intimat, u liema fond huwa sovrastanti l-fond propjeta' tar-rikorrenti bin-numru 114, fl-imsemmija triq, in kwantu l-pedamenti li fuqhom huma mibnija z-zewg fondi in kwistjoni m'humiex b'sahhithom bizzejjed biex jifilhu kostruzzjoni ohra sovvrastanti dik diga ezistenti, wisq inqas l-izvilupp ta' tlett sulari ohra propost mill-intimat u li ghalih huwa kien*

*ottjena permess ta' zvilupp (bin-numru ta' refrenza PA07697/07) mill-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Izvilupp, li kien gie mgedded (PA/01308/13).*

*Illi ghall-finjiet ta' l-izvilupp propost mill-intimat, ir-rikorrenti kienu inkarigaw lill-Eurotest Limited sabiex isiru testijiet tas-sottoswol li fuqu huma mibnija l-fondi in kwistjoni u l-istess Eurotest Limited kienet ippreparat l-anness rapport, immarkat Dok. 'SM1'.*

*Illi r-rikorrenti kienu wkoll inkarigaw lill-perit Philip Grech li ghamel access fl-20 u fis-26 ta' Novembru, 2008 u b'referenza wkoll ghar-rapport ta' Eurotest Limited, imsemmi hawn fuq, permezz ta' rapport datat 10 ta' Dicembru, 2008 (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. 'SM2') kien ikkonkluda li il-"foundations are manifestly not capable of carrying increased loads such as additional storeys without significant changes and improvements to the foundations, to distribute these increased loads."*

*Illi ghalhekk, ir-rikorrenti ghandhom interess illi l-intimat jigi inibit milli jkompli bl-izvilupp propost, liema zvilupp li kieku jithalla li jsir ser johloq periklu lill-istess rikorrenti, lill-girien u anke nies fit-triq, kif ukoll hsara lill-istruttura.*

*Illi l-intimat gie interpellat ghal iktar minn darba biex ma jaghmilx l-izvilupp propost, u dana permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Mejju, 2014 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok, 'SM3') u permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Mejju, 2015 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. 'SM4').*

*Ir-rikorrenti jitolbu umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' provizorjament il-mandat ta' inbizzjoni odjern, u wara li tisma' l-partijiet u kull xhud li jidhrilha xierqa li tisma', tilqghu definitivament.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph Xuereb, datat fil-11 ta' April 2016, (A fol. 10) li jaqra hekk:

*Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghaliex;*

*Illi bla pregudizzju ghall-premess ir-rikkorrenti jridu fl-ewwel jippruvaw illi huma*

*ghandhom drittijiet x'jikkawtelaw u bl-izvillup propost ser jsofru pregudizzju li jkun irrimedjabbli.*

*L-esponent ikkummissjona lil Terracore Geo Services Limited sabiex taghmel testijiet xjentifici u teknici  tal-art li fuqha hemm il-binja tar-rikorrenti u li ser tkun ukoll qieghda terfa l-piz tal-binja proposta mill-esponenti. (Dok JX1)*

*L-esponent ukoll kkummissjunaw Perit Samuel Formosa, li abazi ta' testijiet xjentifiki u tekniki hawn fuq imsemmija ukoll kkonkluda illi l-fondazzjoni li ser tirvievi l-piz tal-bini li qed jkun propost hija b'sahhitha bizzejjed li tircievi fuqha l-binja kif proposta. (Dok JX2)*

*Illi bla pregudizzju ghall-premess r-rikorrenti qed joggezzjonaw ghall-izvillup propost mhux tant minhabba l-kwistjoni tal-piz li ser terfa l-art, imma minhabba illi ma jridhux interalia li l-bini taghhom jiddallam bil-binja li qed tkun proposta u dana kif del resto gia argumentaw quddiem l-Awtorita ta' Malta Dwar l-Izvillup.*

*Illi fi kwalunkwe kaz llum l-intimat qed jiddikjara illi huwa bi hsiebu li jibni biss sular mit-tlieta proposti u dana sabiex jserrah ras l-istess rikorrenti u jevita litigazzjoni fit-tul quddiem l-qrati.*

*Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kostruzzjoni ser tkun ukoll koperta b'polza ta' assikurazzjoni li tkopri kull kwalsiazi hsarat li jistghu jsofru l-girien. (Dok JX3)*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**Frances Gauci** xehdet a fol 39 – 41 u 99 - 101 illi hija toqoghod fi *ground floor maisonette* flimkien mar-ragel u z-zewgt itfal taghhom, li tinsab sottostanti ghal *maisonette* Xuereb, u kkonfermat illi Xuereb ghandu permess ta' zvilupp ghal tliet sulari oltre dak ezistenti. Spjegat

illi meta hareg il-permess fil-bidu tas-sajt 2008 huma kienu ghadhom kif gew mill-Ingilterra, u saru jafu li hareg il-permess f'Lulju. Ghalhekk kienu marru l-MEPA, fejn sabu illi qabel inhareg il-permess, il-MEPA ma marritx taghmel *assessment* fuq il-post. Il-Perit Philip Grech, kien tahom parir li jipprezentaw oggezzjoni lil MEPA ibbazata fuq ir-rapport tieghu u ghalhekk kien baghtu ittra ta' oggezzjoni lil MEPA f'Awissu ta' 2008.

Hija xehdet illi Terracore zgur li ma dahlux ghandha ghaliex Xuereb ma kellu ebda access ghall-proprjeta taghhom u huma qatt ma tawh access, u li r-rapport ta' Terracore ratu ghal darba ftit jiem qabel ma xehdet. Ziedet illi l-istruttura ezistenti qeghda fuq iz-zewg sulari oltre il-*washroom*.

Hija mmarkat id-dar tar-rikorrenti, inkluz il-bitha, bil-kulur roza fuq il-pjanta ezebita a fol 17. Hija kkonfermat illi l-ittra X fuq l-istess pjanti turi l-bitha tal-garaxxijiet. Spjegat illi ghalhekk Terracore indikaw **li ghamlu t-thaffir u hadu kampjuni mill-btiehi tal-garaxxijiet**.

**In kontro-ezami** a fol 41 – 43 u 101 – 103 xehdet illi kien Xuereb li kien gera warajhom biex jaslu fi ftehim biex ikun jista' jwaqqa' l-fond kollu, inkluz il-proprjeta taghhom pero ghalihom din kienet decizjoni difficli peress li ghandhom zewgt itfal zghar, pero eventwalment ir-ragel taghha qalilha li forsi setghu jaslu ghal xi ftehim. Bhala kumpens ghal inkonvenjent li kien ser jinholoq lilhom, talab illi Xuereb jibnilhom semi *basement* b’qis ta’ zewg karozzi.

Hija kkonfermat illi Terracore qatt ma dahlu d-dar taghhom biex jaghmlu testijiet u qatt ma talbuhom biex jaghmlu hekk, u filfatt kienet marret flimkien mar-ragel taghha sabiex tikkonfronta lil Terracore fuq ir-rapport li ghamlu.

**Il-Perit Philip Gauci** xehed a fol 44 – 47 illi hu kien gie imqabbad mir-rikorrenti biex jaghmel evalwazzjoni tal-impatt li l-izvilupp intiz mil-intimati seta’ jkollu fuq il-proprjeta taghhom. Spjega li meta ra l-pjanta, innota illi kien hemm xi kwistjonijiet rigward il-*lift* ghaliex ma kienx hemm bokka fejn jibqa' niezel u allura dan kien se jieqaf fis-sular taghhom, fuq is-soqfa u johloq problemi minhabba vibrazzjonijiet. Qal illi kien hemm kwistjonijiet ukoll minhabba s-soqfa taghhom peress li l-post huwa ftit antik u ghandu bzonn it-tiswijiet.

Xehed li barra dan kollu, hemm ukoll il-kwistjoni li peress li l-fond qieghed San Pawl il-Bahar, li hija zona ta' tafli, wieheb jissuspetta li jkun hemm problema bil-pedamenti peress li dawn il-postijiet ma kienx inbew b'mod li jistghu jizdiedu hafna sulari fuqhom. Spjega li ghalhekk ir-

rikorrenti hadu l-inizjattiva illi jikxfu kantuniera mis-salott taghhom biex jigi examinat il-materjal li kien hemm taht il-pedament, **li rrizulta li kien turbazz**, fatt li kien gie kkonfermat lilu anke minn periti ohra intizi fil-geologija. Ikkonferma illi **ma sabx platform tal-konkrete re-inforzat, izda biss *levelling pad***. Spjega li ghalhekk fl-opinjoni tieghu, il-pedamenti ma setghewx jiehdu il-pizjiet tal-izvilupp proposta minghajr ma dawk il-pizijiet jingarru mod iehor, u zgur li l-istruttura tar-rikorrenti ma setghetx tkun *load bearing*, ghaliex mhux garantit illi l-istruttura tiflah piz aktar milli diga hemm. Mistoqsi dwar is-suggeriment tal-Perit Formosa u cioe illi jsiru cinturini, wiegeb illi dawn generalment isiru madwar xi koppla, u m'hijiex soluzzjoni tajba ghal proprjeta in kwistjoni.

Mistoqsi rigward ir-rapport ta' Terracore, wiegeb illi l-kampjuni li ttiehdu ghal dan ir-rapport kienu ttiehdu barra mis-sit, u l-lokazzjoni minn fejn ittiehdu m'hijiex cara, u li ghalhekk hemm probabbilta li m'humiex rapprezentattivi tal-kondizzjonijiet tas-sit, peress illi San Pawl il-Bahar ghandha geologija fratturata u litteralment maqsuma tul ta' toroq.

**In kontro-ezami** a fol 47 – 50 xehed illi **fil-fond tar-rikorrent saru zewg *boreholes***, billi inqala l-madum imbaghad **saret *borehold*, wahda fonda *erbghat iktaten* u ohra fonda *sitt iktaten*, u fit-tnejn li huma sabu turbazz.**

**Il-Perit Samuel Formosa** xehed a fol 51 – 54 illi huwa kien il-perit inkarigat mill-progett ta' zvilupp tal-intimat. Spjega illi ghalkemm originarjament kienu ser jigu zviluppati tliet sulari ohra **huwa kien ta parir lill-intimat sabiex isir sular wiehed biss** u l-klijent accetta. Spjega wkoll li qed jiehdu **numru ta' prekawzjonijiet peress illi z-zona hija kolla turbazz.** Xehed ukoll illi nonostante dan f'dik l-istess *area* hemm bini bi tlieta u anke erba' sulari li originarjament kien ta' sular jew tnejn. Xehed illi jekk jinbena sular iehor mhux ser ikun hemm problemi ghaliex li kieku hu, bhala l-perit responsabbli tal-binja, ma kienx jissugerixxi li jsir dan. Qal ukoll illi diga hemm parti minn binja illi hija tliet sulari minhabba li hemm washroom u ma jidhirx li hemm konsenturi jew xi haga li jidher li l-bini qed ihoss il-piz.

**Joseph Xuereb** xehed a fol 55 – 57 u fol 86 – 88 illi huwa ghandu permess biex jibni tliet sulari addizzjonali. Qal illi huwa prova jitkellem mar-rikorrenti biex jasal fi ftehim u filfatt kien ser iwaqqa' l-post u jerga jibnieh mill-gdid u jhallas ghal akkomodazzjoni alternattiva ghar-rikorrenti sakemm isir dan, u anke talabhom jekk ridux ibieghulu bicca arja. Xehed illi meta saru t-testijiet huwa ma kienx prezenti. Xehed illi l-Perit Formosa issugerilu li jsir sular wiehed biss, fejn diga hemm il-*washroom* u hu accetta. Qal li kien ha wkoll parir iehor minghand il-

Perit Mintoff li kien qallu li bl-istudji necessarji, setghu jigu zviluppati appartament u penthouse.

Xehed ukoll illi huwa ma talabx lir-rikorrenti biex jaghtu access lil Terracore sabiex ikunu jistghu isiru it-testijiet fil-fond taghhom stess. Mistoqsi rigward il-*lift* li jrid jaghmel wiegeb illi huwa jrid jaghmel biss wiehed zghir, u hafif, ghal tnejn jew tliet persuni

**Il-Perit Edwi Mintoff** xehed a fol 67 – 69 illi l-intimat kien inkarigah sabiex jaghmel *structural appraisal* tal-bini ezistenti u wara li ghamel dan, wasal ghal konkluzjoni illi jistghu jinbnew zewg sulari addizzjonali. Fuq rakkomandazzjoni tieghu gie kommissjonat espert fil-bini strutturali b'certa esperjenza, u cioe Adrian Falzon li wasal ghal konkluzjoni identika u ghalhekk ghamlu rapport flimkien. Spjega illi interventi fil-bini ta' taht m'hemmx bzonn izda fil-bini il-gdid irid jintuza materjal *lightweight.* Dan ir-rapport kien ghaddieh lil Perit Grech li minn naha tieghu qatt ma tah ebda risposa fuqu.

**In kontro-ezami** a fol 69 – 77 **wiegeb illi ma kienx jaf li t-testijiet li saru kienu saru barra l-art in dezamina,** u **ma kienx prezenti meta kien sar it-test**, pero fil-fehma tieghu il-geologija bejn sit u **parti li qieghda fil-vicinanza immedjata ma jkollihx varjazjoni.** Xehed illi t-testijiet li ghamlu Terracore huma iktar xjentifici minn dawk li saru minn Eurotest u ghalhekk hu joqoghod fuq ir-rapport taghhom u mhux ta' Eurotest.

**In ri-ezami** a fol 78 – 85 xehed illi huwa **ma jafx ezatt fejn saru t-testijiet** imma hu zgur li saru fil-vicinanzi. Mistoqsi rigward il-*lift* u r-raguni ghalfejn dan thalla barra mir-rapport wiegeb illi l-*lift* ma kienx hemm bzonn jisemma ghaliex jifforma parti integrali mill-kalkolazzjonijiet taghhom u d-*dynamic load* tal-*lift* huwa zghir hafna. Spjega wkoll illi ghalkemm bhala posizzjoni ser ikun fuq il-hajt tar-rikorrent, il-*load* ser tinghata attenzjoni partikolari biex ma jkunx hemm impatt fuq il-proprjeta ta' terzi.

**Salaheddin Said** xehed a fol 89 – 96 illi il-proprjeta li jghixu fiha hu u martu ilha kwazi sittin sena mibnija u dan minn informazzjoni moghtija lilu minghand missier martu. Rigward l-istat attwali tal-proprjeta, xehed illi fil-faccata diga hemm konsenturi u diga hemm xbiek gewwa bis-sadid u hemm kmamar bix-xibka tidher. Spjega li l-Perit Grech kien qalilhom biex isibu kumpanija li taghmel testijiet taht id-dar u kien sabu wahda minn fuq il-Yellow Pages, u wara li ghamlu t-testijiet kien baghat ir-rizultat li Perit li qallu li hemmhekk ma setghax jinbena aktar. Il-Perit tal-intimat ukoll kien mar fil-proprjeta taghhom xi erba' darbiet flimkien mal-intimat,

izda lill-intimat ma kienx dahhlu it-tielet darba ghaliex kien qed jaghmilhom il-hajja taghhom difficli.

Xehed ukoll illi l-isem **tat-triq fejn saru t-testijiet minn Terracore juri li dawn saru fit-triq principali, u cioe Triq Parades, li tinsab xi 700 jew 800 metru l-boghod mill-proprjeta tar-rikorrenti.** Xehed ukoll illi huwa kien ha xi ftit mit-turbazz ghand bennej u kif rah dan cempel lil Perit Formosa biex jghidulu biex jara xogholu sew.

**In kontro-ezami** a fol 96 – 98 xehed illi m'huwiex cert mija fil-mija mill-pjanta, u huwa biss 80% cert fejn hi d-dar tieghu fuq il-pjanta. Xehed ukoll illi d-dar tar-rikorrenti tinsab **f' St. George's Street, u t-triq parallela maghha hija Triq Parades.** Qabel ukoll illi biex tidhol fil-btiehi tal-garaxxijiet l-access huwa minn Triq Parades.

**Ikkonsidrat;**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u

**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873 Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju **"li ma jkunx jista' jigi irrimedjat".**

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.**

(Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993 -** Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx necessarjament bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus.** Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> ***"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi"***

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003**, u **Giovann Grech vs Kirsten Grech** deciza fil-**21 ta' Mejju 2015.**

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –Vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq

quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrenti intavolaw dan il-mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqfu lill-intimati milli jizviluppa sulari addizjonali sovrastanti ghal bini esistenti fuq il-proprjeta taghhom, il-ghaliex l-investigazzjonijiet teknici u xjentifici urew li l-geologija tas-sit, ma tiflahx toqol addizzjonali. Il-Perit tar-rikorrenti semma wkoll illi anke il-mod kif huwa propost li jsir il-*lift*, jista' jikkawza hsarat fil-proprjeta tar-rikorrenti. L-intimat qed jilqa' ghal dan billi prezenta rapport ta' testijiet simili li saru fuq inkarigu tieghu, skont liema, il-proprjeta tiflah piz oghla minn dak suggerit fir-rizultat tat-testijiet prezentati mir-rikorrenti, u billi sostna li ser **jizviluppa sular wiehed biss u mhux it-tlieta** li ghandu permess ghalihom.

M'huwiex ikkontestat illi l-kampjuni li ttiehdu minn Terracore, a differenza ta' dawk mehuda minn Eurotest, **ttiehdu barra mill-proprjeta tar-rikorrenti.** Il-periti inkarigati mill-intimati jghidu li ma taghmilx differenza peress illi l-geologija tas-sit **generalment tkun l-istess fil-vicinanzi immedjati.** Il-Qorti tqis illi din l-asserzjoni hija biss presunzjoni, li f'dan il-kaz gie ribattuta mir-rizultati tat-testijiet maghmula min Eurotest **li juru divergenza kbira fil-*load bearing capacity***. Barra minn hekk, il-Perit Grech xehed illi San Pawl il-Bahar ghandha geologija fratturata u litteralment maqsuma tul ta' toroq, u din l-asserzjoni ma giet fl-ebda hin ikkontestata mill-intimati. Dan apparti l-fatt li ma **jirrizultax b'mod car minn fejn ittiehdu l-kampjuni minn Terracore**, infatti **l-ebda xhud** imressaq mill-intimati, inkluz huwa stess, **ma kien prezenti meta ttiehdu l-kampjuni.**

Wara li ezaminat id-dokumenti li gew prezentati u semghat ix-xhieda li gew prodotti f'dawn il-proceduri, il-Qorti hija tal-fehma illi, fid-dawl tal-principji enuncjati aktar il-fuq, it-talba tar-rikorrenti hija fondata u ghandha tigi milqugha. **Il-Qorti taghraf illi il-hajja u s-sigurta ta' persuni ma tistghax tigi ljevement mqeghda f'riskju** u ghalhekk tqis illi m'ghandu jsir l-ebda zvilupp sakemm ma jigix iccarat ir-riskju li ser jigi affacjat mir-rikorrenti, (u wara kollox, kull minn ser ikun qed joqghod fil-binja zviluppata), u sakemm ma jigux miftehma, jew imposti, kondizzjonijiet specifici ghas-salvagwardja tal-hajja, integrita fisika u proprjeta ta' dawk kollha involuti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba tar-rikorrenti billi tordna l-hrug ta'Mandat t'Inibizzjoni billi zzom lill-intimat milli jkompli bl-izivilupp tal-arja sovrastanti l-fond 16, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**